**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 11**
**Appell Nru: 85/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Stephen Gatt )**

**Vs**

**CARMELO SIVE CHARLES TANTI**

**Illum, 25 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Carmelo sive Charles Tanti talli fis-17 t'April, 1998, fi Triq ix-Xatt, il-Gzira, ghal habta tat-3.15 p.m. :

a) B'nuqqas ta'hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta'hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qed isuq vettura li ggib in-numru tar-registrazzjoni CAC 773, tal-marka Bedford, ikkaguna l-mewt ta' Marika Zammit minn Tas-Sliema ;
b) Fl-istess data, lok, jum, hin u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura fl-imsemmija triq, u riesaq lejn 'Pedestrian Crossing', naqas milli jnaqqas l-ispeed u jieqaf waqt li kienet qed tintuza mill-pubbliku ;

c) Fl-istess data, jum, hin u cirkostanzi, saq l-istess vettura b'manjera perikoluza ;
d) Fl-istess data, jum, hin u cirkostanzi, saq l-istess vettura b'manjera traskurata u bla kont ;
e) Fl-istess data, jum, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura b'sewqan aktar milli jmissu.

Rat is-sentenza moghtija fit-23 ta'April, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha ma sabetx lill-Carmelo sive Charles Tanti hati fuq l-akkuzi markati (b)(c)(d) u (e) minhabba preskrizzjoni, u lliberatu minnhom, filwaqt li sabitu hati fuq l-ewwel akkuza w kkundannatu fuqha ghall-hames mitt lira Maltin Multa (Lm500) kif ukoll skwalifikatu mill-licenzji tieghu tas-sewqan ghall-perijodu ta'sitt xhur.

Rat ir-rikors t'appell ta'Carmelo sive Charles Tanti datat 4 ta'Mejju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tikkonferma il-parti liberatorja tas-sentenza appellata, filwaqt li tirrevoka l-parti fejn sabitu hati (l-ewwel akkuza) u b'hekk jigi liberat minn kull akkuza, htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji ta' l-appellant, thoss li jkun tajjeb li jigi ccarat punt li semma l-appellant fil-parti tar-rikors t'appell tieghu fejn, u anke fit-trattazzjoni verbali ta'dan l-appell, skond hu, qal x'kienu l-fatti ta' dan il-kaz.

L-appellant jallega li l-vittma Marika Zammit kienet qed tiggogja, bil-headphones f'widnejha, tul il-bankina jew triq li hemm fi Triq ix-Xatt, Gzira, int

u sejjer lejn id-direzzjoni ta' l-Imsida minn tas-Sliema, meta, minghajr ma hadet ebda prekawzjoni, qabdet u qassmet it-triq, mhux fuq il-*pedestrian crossing*, biex tmur lejn in-naha fejn hemm il-Kennedy Nova Hotel.

Fuq dawn l-allegati fatti, din il-Qorti ma sabet ebda prova fl-atti. Anzi l-fatti li jirrizultaw mill-atti juru b'mod ferm manifest li Marika Zammit qasmet b'mod regolari minn fuq il-*pedestrian crossing*, u minn imkien ma jirrizulta li kienet qed tiggogja, bil-headphones f'widnejha, kif qed jallega l-appellant.

Il-Qorti issa tghaddi biex tezamina z-zewg aggravji ta' l-appellant li huma konnessi ma' xulxin l-ghaliex jitrattaw fuq kwistjoni purament ta' apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti.

Permezz ta' dawn l-aggravji tieghu, l-appellant jghid li hu ma kienx traskurat fis-sewqan tieghu, u li l-incident in kwistjoni sar b'tort manifest ta' l-istess vittma Marika Zammit biss. Hu qed jghid, ghalhekk, li hawn mhux si tratta ta' xi negligenza kontributorja da parti taghha, izda addirittura li l-incident gara minhabba negligenza da parti unikament taghha meta bil-manuvra inaspettata li ghamlet biex taqsam it-triq, hi holqot emergenza subitanea w '*a self-inflicted incapacity*' li hu, bhala sewwieq, f'dawk ic-cirkostanzi, ma setgha jaghmel xejn biex jevita l-incident li b'rizultat tieghu din mietet.

Din bazikament hi l-linja difensjonali ta' l-appellant, li hi l-istess linja ta'difiza li ressaq quddiem l-ewwel Qorti, u li giet respinta minnha, kif turi s-sentenza appellata.

**IKKUNSIDRAT :**

Hu minnu li l-appellant gie liberat mill-ewwel Qorti fuq l-akkuzi talli ma naqqasx l-ispeed u jieqaf hekk kif kien qed javvicina *pedestrian crossing* li kienet qed tintuza mill-pubbliku, u talli saq bi speed eccessiv. Dan kien peress li dik il-Qorti rriteniet li dawn l-akkuzi kienu preskritti bil-preskrizzjoni ta' tlett xhur. Dan, pero', ma jfissirx li b'daqshekk il-Qorti ma setghetx tiehu in kunsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi, li minnhom bhala akkuzi l-appellant gie

liberat minhabba preskrizzjoni trimestrali, bhala stat ta'fatt u bhala parti mill-kwadru komplet ta' l-incident in kwistjoni. Effettivament, fil-fehma ta' l-ewwel Qorti, kien irrizultalha li l-appellant kien qed isuq bi speed eccessiv tant li ma rnexxielux iwaqqaf il-van tieghu fil-hin u bi trankwillita' waqt li kien qed javvicina *pedestrian crossing* li fuqha kien hemm il-vittma qed taqsam. Skond l-ewwel Qorti, ghalkemm iddikjarat lill-appellant (allura imputat) mhux hati ta' l-akkuzi msemmija b'riferenza ghal dawn il-fatti, pero' kienu dawn l-istess cirkostanzi li, flimkien ma'ohrajn, wassluha biex tkun moralment konvinta mill-htija tieghu dwar ir-responsabilita' ta' l-incident li wassal ghall-qtil involontarju ta' Marika Zammit.

Ghalhekk mhiex xi difiza li wiehed jghid li l-Qorti ma tistghax tiehu in kunsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi gja' la draba l-appellant gie liberat minn dawk l-akkuzi konnessi ma' dawn ic-cirkostanzi. Ir-realta' hi li l-Qorti ma tistghax tikkunsidrahom ghal dik li hi r-responsabilita' kriminali o meno dwarhom, izda dejjem jistghu jigu kunsidrati bhala stat ta'fatt sabiex, flimkien ma' provi ohra, iwasslu lill-Qorti tiddeciedi fuq l-akkuzi l-ohra.

U hu propju dan l-ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti meta giet biex tezamina w tanalizza l-provi fl-assjem taghhom. L-ewwel Qorti dehrilha li minn dawn il-provi jemergu fatti li jinkriminaw lill-appellant ghal dik li hi r-responsabilita' kriminali tieghu ghall-incident in kwistjoni. Fil-fatt, dik il-Qorti kkonkludiet li l-appellant kien unikament responsabbli ghall-omicidju involontarju ta'Marika Zammit u dan minhabba s-sewqan perikoluz tieghu.

Issa hi l-funzjoni ta' din il-Qorti ta'Revizjoni li tara jekk fid-dawl taz-zewg aggravji sollevati mill-appellant, setghetx l-ewwel Qorti legalment u ragjonevolment tasal ghal din il-konkluzzjoni ta'htija.

L-appellant jghid li hu assolutament ma kienx il-kawza ta' dan l-incident in kwistjoni. Jghid li kienet biss it-traskuragini ta'Marika Zammit li waslet ghal dak li gara. Jghid li hu bla ebda mod ma kien traskurat jew perikoluz fis-sewqan tieghu.

Din il-Qorti, ghalhekk, in esekuzzjoni tal-funzjoni taghha purament ta'revizjoni, ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi wkoll u dan biex tara jekk l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk l-istess provi, setghetx legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif fil-fatt ikkonkludiet.

Minn dan l-ezercizzju li sar minn din il-Qorti, hi bla ebda mod ma tista' tifhem kif l-appellant qed jipprova jikkonvinciha, bhal ma wkoll ipprova jikkonvinci lill-ewwel Qorti, imqarr fuq grad ta' probabilita', li kienet biss, u xejn aktar, il-manuvra inaspettata tal-vittma li holqot l-incident.

Gja' ntqal qabel li l-fatti li jirrizultaw ma jaqblu assolutament xejn mal-fatti kif imsemmija mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu u kif imfissra waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell.  Hu jghid, per ezempju, li kien lemah lill-Marika Zammit tiggogja, eccetera, u jghid li raha taqsam it-triq f'daqqa, minghajr ma hadet l-ebda prekawzjoni, u mhux fuq il-*pedestrian crossing*. Jghid li ra taqsam minn quddiem traffiku li kien ghaddej fuq il-lane n-naha tax-xellug tieghu. Il-fatti fir-realta' juru manifestament ghal kuntrarju. Ma hemm ebda provi li din Zammit kienet qed tiggogja, eccetera, kif jallega l-appellant, u dan kif gja' osservat qabel din il-Qorti. Ma hemm ebda prova li turi li din qabdet u qassmet it-triq inaspettatament u mhux fuq il-*pedestrian crossing*. Anzi, il-provi juru li hadet kull prekawzjoni, qasmet minn fuq il-*pedestrian crossing* u t-traffiku fuq ix-xellug ta' l-appellant kien waqaf b'mod trankwill biex ihalliha taqsam b'dan il-mod. Il-provi juru li kien l-appellant li naqas li jzomm '*a proper lookout*' ghal dak kollu li kien qed jigri fil-vicinanzi tieghu, li naqas li jisslowja u jwaqqaf il-van tieghu hekk kif kien qed javvicina l-*pedestrian crossing,* bhal ma ghamel it-traffiku l-iehor fuq ix-xellug tieghu sejjer fl-istess direzzjoni. Il-provi juru li fil-fatt l-appellant laqghat lill-Marika Zammit waqt li din kienet qed taqsam il-*pedestrian crossing*. Il-provi juru li l-appellant kien qed isuq bi speed ta'aktar minn 35 mil fis-siegha, li hu speed eccessiv f'dik il-lokalita' u tenut in kunsiderazzjoni li 'ex admissis' l-appellant stqarr li kien difficli li jwaqqaf il-van minhabba l-piz tieghu, u ghalhekk skiddja. Anke din l-ammissjoni ta' l-appellant titfa' aktar responsabilita' fuqu gja' la darba kien jaf minn qabel dwar din id-diffikulta'. F'tali cirkostanza, sewqan prudenti kien jinnecessita li l-appellant, allura, isuq dak il-van bi speed ferm anqas minn dak

li kien qed isuqu fil-hin ta' l-incident, u dan biex ikun jista' jwaqqfu b'kumdita' u trankwillita' kull meta jinqala' l-bzonn.

Certament, ghalhekk, il-kwadru tal-fatti bla ebda mod ma juri xi forma, anke minima, ta'negligenza kontributorja da parti tal-vittma. Anzi, kuntrarjament ghal dan, il-provi kollha jippuntaw biss lejn l-appellant bhala l-persuna li unikament u manifestament kienet responsabbli ghal dak kollu li gara.

Hu f'dan l-isfond, ghalhekk, li din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti kienet ghamlet apprezzament tal-provi tajjeb u li in bazi tieghu setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib u tiddikjara htija fl-appellant. Ma hemm ebda raguni l-ghaliex din il-Qorti ghandha b'xi mod tindahal f'din id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti w taqbel pjenament ma' l-osservazzjonijiet u konkluzzjonijiet kollha milhuqha minn dik il-Qorti.  Ghalhekk l-aggravji kollha ta' l-appellant huma respinti.

Dwar it-talba ta' l-appellant ghall-riforma fil-piena, specjalment f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti kienet skwalifikatu mill-licenzji tieghu tas-sewqan ghal zmien sitt xhur, din il-Qorti taqbel ma' dak li qalghet l-ewwel Qorti dwar dan. Mhiex xi difiza jew raguni valida legalment li ma jkunx hemm skwalifika tal-licenzji tas-sewqan f'sitwazzjonijiet bhal dawn minhabba n-natura tax-xoghol jew impieg tal-hati. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tirrepeti dak li qalghet l-ewwel Qorti fuq dan l-aspettt. Tghid biss li tikkondividi bis-shih dak li intqal minnha, u, ghalhekk, ma ssib ebda raguni l-ghaliex ghandu jkun hemm xi riforma fil-piena. Bizzejjed jinghad li meta x-xoghol ta' xi hadd ikun jiddependi minn sewqan, allura, dik il-persuna ghandha piz jew oneru ferm akbar minn haddiehor li tosserva skrupolozament kull ligi jew regolament tat-traffiku biex tassigura li ma titlefx dak il-mezz ta'ghejxien anke temporanjament.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell ta' Carmelo sive Charles Tanti w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Aldo Testone

Deputat Registratur